**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 790/97

Carmel Victor Abela

vs

Telemalta Corporation

Illum 14 ta' Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1990 ir-rikorrent sofra ngustizzja f'li nqabez fil-promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien dahal jahdem fit-Telemalta fl-1986 bhala Clerk I. Hu kien jahdem fir-Registry u fl-istores u dejjem ghamel xogholu kif suppost u bl-akbar reqqa.

Illi r-rikorrent kien applika ghall-post ta' E.O. fl-1990 u meta hargu l-promozzjonijiet is-sbatax-il ruh li qabzuh kienu nies li kollha dahlu warajh u li meta dahlu jahdmu t-Telemalta kienu dahlu bhala part-time operators. Huma kienu hadu wkoll din il-promozzjoni b'sehh bit-tliet snin b'lura, li kien ifisser li hadu l-promozzjoni meta kienu ghadhom taht il-probation.

Illi biex isostni l-ilment tieghu r-rikorrent kien bi hsiebu jgib lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni b'lura kif ukoll is-seniority, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Telemalta li eccepiet :

1) Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2) Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Executive Officer kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika pero` ma kienx ghadda peress li gab 38 marka minn 100. Ta' min isemmi li anqas dawk kollha li ghaddew ma nghataw il-promozzjoni peress li n-numru ta' vakanzi kien limitat.

3) Illi l-marki li gab ir-rikorrent kienu mqassmin hekk: 4 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 10 minn 25 marka ta' l-esperjenza; ebda marka minn 25 marka tal-kwalifiki; 15-il marka minn 20 marka ghal personalita`/present section; 6 minn 10 marki ghal Other sections; u 3 minn 10 marki ghal General Knowledge.

4) Illi r-rikorrent irid jissostanzja l-allegazzjoni tieghu li kien hemm haddiehor li minkejja li kien kwalifikat inqas minnu nghata vantagg mhux misthoqq fuqu. Il-korporazzjoni rrizervat li twiegeb ghal din l-allegazzjoni u tressaq xhieda dwarha meta r-rikorrent jaghti dettalji ahjar.

5) Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li mal-Maltacom l-ewwel beda jahdem fir-registru u mbaghad gie assenjat xoghol f' St. Francis Cable Club Store. Wara gie appuntat linesman fl-istess stroe kif ukoll gie appuntat in charge minnu. Dan kien xoghol ta' responsabbilta`. Hu qal li numru minn dawk li hadu l-promozzjoni dahlu warajh mal-Maltacom kif ukoll kienu part-timers. Wara gie trasferit ghas-Sub Store taz-Zejtun u hemmhekk ukoll gie inkarigat biex jorganizza l-istore.

In kontro ezami r-rikorrent ipprezenta dokument li juri lista ta' nies li kienu part-timers u li nghataw il-promozzjoni. Hu semma li hu u Ray Farrugia biss ma kellhomx kwalifiki izda mbaghad dan Farrugia nghata aktar marki minnu ghall-esperjenza u ghall-kwalita` tax-xoghol. Hu esebixxa certifkat mahrug mill-Universita` ta' Malta dwar course fuq "Stores and Inventory Management".

David Buttigieg rapprezentant tas-socjeta` intimata pprezenta r-rapport tal-bord tal-ghazla bil-kriterji stabbiliti kif ukoll il-marki li gabu l-kandidati ghall-grad ta' Executive Officer.

Charles Arrigo Azzopardi xehed li kien chairman tal-bord ghall-habta tal-1989/90 ghall-interviews li kienu saru ghall-promozzjonijiet. Il-membri l-ohra kienu Godwin Ellul u Paul Abela li llum mejjet. Huma kienu ftiehemu bejniethom kif se

jallokaw il-marki ghad-diversi kriterji. Hu qal li lir-rikorrent jafu r-Radio City. Kompla jghid li lin-nies tat-Telemalta ma kienx jafhom. Hu kien gie appuntat fil-bord minn Tony Debono li dak iz-zmien kien General Manager tat-Telemalta. Qal li ma kienet saret ebda pressjoni fuqhom qabel l-interviews u li lilu qatt ma ssemmewlu ismijiet. Mistoqsi kif Raymond Farrugia li dahal mat-Telemalta wara r-rikorrent inghata aktar marki minnu ghall-esperjenza qal li ma setax jispjega. Hu ma kellux ideja minn kien part-timer u min le. Zied jghid li bhala domandi kien jistaqsi rigward l-esperjenza fid-dipartimenti u fis-sezzjonijiet li kienu jahdmu fihom il-kandidati.

Godwin Ellul xehed li lir-rikorrent jafu personali. Mistoqsi dwar years of service u experience jekk hadux in konsiderazzjoni min kien part-timer u min kien full timer qal li ma jiftakarx. Hu ma jafx min kien part-timer. Dwar il-fatt li Raymond Farrugia dahal mat-Telemalta wara r-rikorrent u ghall-esperjenza nghata aktar marki qal li jista' jkun li Farrugia kellu esperjenza aktar vasta u f'dipartimenti diversi. Hu qal li bhala domandi fuq mistoqsija generali kienu jistaqsu dwar current affairs u mistoqsijiet dwar it-Telemalta. Hu kkonferma l-firma tieghu fuq ic-certifikat esebit a fol 22 tal-process.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi saret referenza ghas-sentenza deciza fl-24 ta' Ottubru 2001 numru 591/97 fl-ismijiet Nathalie attard vs Chairman Maltacom p.l.c. fejn it-Tribunal qal:

Konsiderazzjonijiet generali:

Illi ghalhekk biex jasal ghall-konkluzjoni dwar jekk saritx ingustizzja mar-rikorrenti mill-Maltacom, dan it-Tribunal irid f'dan il-kaz l-ewwel jara jekk sarux ingustizzji fl-ghoti tal-promozzjonijiet u wara jara jekk ir-rikorrenti haqqix l-ghoti tal-promozzjoni.

Fl-analisi ta' dak li sar irrizulta li:

l-artiklu 15 tal-Ftehim Kollettiv ghas-snin 1/10/86 sat-30/9/89 jghid "In the making of promotions and/or in the filling of vacancies, the Corporation considers the requirements of the job and the merit, qualifications, aptitude, experience and seniority of those being considered for promotion or the filling of vacancies. Fil-fatt is-Selection Board ma mexiex ezatt skond il-kriterji stabbiliti f'dan il-ftehim ghax ghalkemm seniority, experience, u qualifications huma imsemmija specifikament fil-ftehim kollettiv, zdiedu personality, other sections u general knowledge, waqt li thallew barra merit u aptitude. L-aktar li hu preokkupanti huwa li dawn jidhru jaghtu wisq importanza lil elementi suggettivi u mhux tant dawk oggettivi bhal seniority u kwalifiki.

Is-selection Board halla tibdil tan-nomenklatura kif imsemmi wkoll mill-Bord ta' l-Appelli dwar Promozzjonijiet;

Irrizulta li diversi haddiema li mhux suppost inghataw marki jew mhux daqshekk hadu marki; diversi haddiema li ma kellhomx kwalifiki nghataw punti fil-qasam tal-kwalifiki.

L-allokazzjoni tal-marki ta' hafna haddiema fil-qasam ta' esperjenza huwa manifestament zbaljat;

il-komputazzjoni tal-marki ta' xi whud hija zbaljata;

ir-rizultati ma gewx ippublikati xhur wara li hargu. Wara zmien l-impjegati setghu jaraw biss il-marka totali taghhom, u xi sena u nofs ilu dawn il-marki kienu tpoggew ghad-dispozizzjoni tal-haddiema tat-Telemalta;

il-personal files tal-applikanti ma gewx ezaminati;

Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li saru kwantita' kbira ta' irregolaritajiet fl-ghoti tal-promozzjonijiet. B'hekk diversi nies li ma kiex haqqhom jigu moghtija promozzjoni inghataw l-istess promozzjoni. Certament it-Tribunal mhux qieghed jezamina l-aspett tal-ingustizzji b'mod li jindahal f'min gja ha promozzjoni meta mhux suppost ghax dwar dan ma jista' jaghmel xejn, izda ghandu l-obbligu li jipprova jaghmel l-ahjar tieghu biex jirrimedja l-ingustizzji li saru. Dan spiss hu ferm difficli.

Biex tigi mnaqqsa din l-ingustizzja manifesta hemm bzonn li dan it-Tribunal jalloka xi marki ohra fejn ikun il-kaz u b'hekk

minn gie ingustament imholli barra ikun jista' jibbenefika mill-process odjern.  Biex dan isir u kemm jista' jkun b'mod oggettiv l-allokazzjoni tal-marki trid tigi modifikati li l-kriterju oggettiv dwar seniority [snin ta' servizz] jinhadem fuq bazi ta' 20 marka, u Kwalifiki fuq bazi ta' 40 marka u b'hekk il-kwalifiki oggettivi jkollhom 60%.  Experience tinzel ghal 15, Personality 15,  Other Sections 5, u General Knowledge 5. Dan l-esercizzju jrid isir mit-Tribunal biss fil-kaz ta' min applika.  Ghalkemm it-Tribunal mhux sejjer imiss il-marki, hlief ghal kif inghad, fil-kriterji ta' other sections, u general knowledge, jekk ikun il-kaz irid jara jekk il-marka dwar personality hijiex gusta.

Ukoll ir-rikorrenti irid mhux biss li ssirilhom formula matematika li biha l-marki allokati jigu sostitwiti;  izda fejn pruvat li saru zbalji dawn il-marki jridu l-ewwel jigu modifikati b'mod li jekk dawk li hadu l-promozzjonijiet inghataw ghall-istess kwalifiki bhar-rikorrent 10 marki, bl-istess mod irid li r-rikorrent jinghata dawn il-marki.

Fl-ahhar nett jigi rilevat li biex persuna tiehu l-promozzjoni ma kienx sufficjenti li jghaddi izda ried jidhol fil-cut-off section tal-promozzjonijiet.  Hawn ukoll trid issir kunsiderazzjoni ohra;  kawza ta' dak li sar numru ta' nies [xi terz ta' dawk li saru] u li hadu l-promozzjoni ma kienux jehduha b'mod li l-cut-off irid jizdied b'terz.

**Kunsiderazzjonijiet specjali:**

B'dak li ntqal fuq il-marki tar-rikorrenti ghandhom jigu revizi b'dan il-mod:

Dwar ***years of service*** ir-rikorrent inghata 4 marki izda suppost inghata 3, pero` bir-riallokazzjoni tal-marki skond kif iddecieda t-Tribunal suppost saret minn 20 marka u ghalhekk kellu jinghata 6;

Dwar ***experience*** ir-rikorrent inghata 10 minn 25 meta l-marki li inghataw ghal nies ta' 4 snin servizz kienu bejn 6 sa 18; bil-formula hawn fuq imsemmia din ssir 6;

Dwar ***kwalifiki*** r-rikorrent inghata 0 minn 25; bil-formola ta' hawn fuq din tibqa' 0;

Dwar ***personality*** ir-rikorrent inghata 15 minn 20; bil-formola fuq imsemmija ssir 11;

Dwar ***Other Sections*** ir-rikorrent inghata 6 u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 3;

Dwar ***General Knowledge*** ir-rikorrent inghata 4 u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 2;

Dan itella' t-total tal-marki tar-rikorrenti ghal 28.

Mhux il-kaz li wiehed jitkellem fuq it-tibdil fil-cut off mark minhabba l-fatt li r-rikorrent xorta wahda anqas biss ghadda tahr ir-riallokazzjoni tal-marki. Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata.

Spejjez kontra r-rikorrent.